

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 216/2018**tas-26 ta' Ottubru 2018****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2021/499]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/970 tat-18 ta' April 2018 li temenda l-Annessi II, III u V tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenhtiegħ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 47b (id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“, kif emendata bi:

— **32018 L 0970:** Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/970 tat-18 ta' April 2018 (ĠU L 174, 10.7.2018, p. 15).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva Delegata (UE) 2018/970 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2018, dment li jkunu saru l-avviżi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2018.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Oda Helen SLETNES

⁽¹⁾ ĠU L 174, 10.7.2018, p. 15.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.